XGĦAJRA

Minuti tat-tnax (12) il- laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar It-Tlieta, 8 ta' Ġunju,2010.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Viċi Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Depasquale |
| | Mario Buhagiar |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija w approvati.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-minuti tal-laqgħa ta' qabel tal-lum:

3.1 Il-Periti tal-Kunsill li qed jimmamiġjaw il-proċeduri tal-Faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi bgħatu ittra li fis-sens tirrakomanda l-offerta l-baxxa ta' Schembri Barbros Ltd. u dan billi wkoll din il-kumpanija hija waħda kapaċi twettaq ix-xogħolijiet kif mitluba fit-*tender documents*. Il-Kunsill jaċċetta din ir-rakkomandazzjoni u jgħati struzzjoni biex jintbgħat għar-rappreżentant tal-kumpanija Schembri Barbros Ltd.

3.2 Id-drafts u dokumenti tal-Bylaws intbgħatu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex titkompla l-proċedura tal-publikazzjoni ta' dawn iż-żewġ bylaws. Il-Kunsilliera Ms. Depasquale għandha ssegwi dawn il-proċeduri biex jitħaffu.

3.3 Ġbir ta’ l-iskart domestiku. Jidher li fil-ġranet li ġejjin ser jingħataw fondi addizzjonali biex ikopru dan il-kuntratt.

3.4 Skond informazzjoni li għandu l-Kunsill, ittieħdet deċizjoni mill-MFA a rigward il-qies tal-grawnd u li dan għandu jibqa’ kif inhu. Ser għalhekk isir *b’syntetic turf* b’dawl adekwat u reċint ġdid.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza :

4.1 Qed tiġi proposta site oħra fejn jintrema ilma ta’ l-għarar skond pjanta annessa ma’ din il-korrispondenza.

4.2 Ser issir laqgħa l-MEPA rigward l-approvazzjoni tal-*pipeline* ta’ l-*outflow* ta’ l-impjant tad-dranaġġ f’Ta’ Barkart.

4.3 Is-slipway fil-parti tax-xatt magħrufha bħala tat-Talk se jinbeda fi ftit jiem oħra jekk it-temp ikun favorevoli.

4.4 Billi r-rapport tat-tiswijiet fil-Batterija Delle Grazie li kien sar mis-Restoration Unit baqa’ ma ttieħdet l-edba azzjoni qed jintbgħat reminder lis-Sur Robert Micallef biex jiġi attivat l-MOU a rigward fondi u bidu ta’ dawn it-tiswijiet.

4.5 Reġgħet intbgħatet snag list ta’ nuqqasijiet fil-promenade u dan ir-reminder ser jintbgħat lil Perit Lawrence Buttiġieġ u lid-Direttur Ġenerali, Raymond Farrugia.

5. Item Nr 5 fuq l-aġenda: Approvazzjoni u ratifikazzjoni ta’ l-infieq:

Approvati u rratifikat l-infieq għax-xahar ta’ Mejju 2010.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

6. Item Nru 6 fuq l-aġenda – Attivitajiet:

   a) Forties Night - Attivita' kulturali li tmur lura għas-snin 40 (1940) li ser tinżamm ġewwa l-Fortizza fid-19 ta' Ġunju, 2010.

   b) Dogs Trust ser joffru neuterising għall-klieb ġewwa x-Xgħajra, il-Ħadd 20 ta' Ġunju

7. Item Nru 7 fuq l-aġenda – Aġġornament

   Aġġornament għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Lulju, 2010.

_________________________ _________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt